# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun

**Laqgħa Nru. 01/2017**

**Data:** 16 ta' Jannar 2017

**Ħin:** 6:20pm

**Post:** Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun

ŻEJTUN Citta` Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

**Preżenti**
Joe Attard - Sindku
Maria Dolores Abela - Viċi-Sindku
Amanda Abela - Kunsilliera
Joan Agius - Kunsilliera (mis-6.30pm)
Joe Hales - Kunsillier
Raymond Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Stephania Fenech - Kunsilliera
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali

**Skużati**
Claude Camilleri - Kunsillier
Laura Caruana - L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

## AĠENDA

| | |
|---|---|
| **1.1** | **Qari tal-ittri ta' apoloġija** |
| **1.2** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** |
| **1.3** | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza** |
| **1.4** | **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera** |
| **1.5** | **Toroq - Urbani u mhux Urbani** |
| **1.6** | **Impjegati tal-Kunsill u l-*Performance Bonus*** |
| **1.7** | **Laqgħa Pubblika** |
| **1.8** | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti** |
| **1.9** | **Affarijiet oħra** |
| **1.10** | **Tmiem tal-Laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss** |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **01.** | **1.** | | | | **Qari tal-ittri ta' apoloġija** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01. | 1. | 1 | | | Segretarju Eżekuttiv | Informa li s-Sur Camilleri ma setax jattendi għas-seduta minħabba raġunijiet ta' xogħol (imejl annessa) | |
| **01.** | **2.** | | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01. | 2. | 1 | | | Proponent: Caruana<br>Sekondant: Chircop | Il-Minuti 10/16 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet | |
| | | | | 10.08.08 | Il-logo taż-*Żejtun Corinthians* bit-tappijiet ser isir mal-ħajt ta' Misraħ | | |
| 01. | 2. | 2 | | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

| 01. | 2. | | | | **Rapporti mill-Minuti** | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01 | 2 | 3 | | 10.02.03 | Hales: *CCTV* ħdejn il-*bring-in-sites* | Li jonqos hu biss it-twaħħil tal-*camera* minn naħa tal-*Greenpak.* | Hales |
| 01 | 2 | 4 | | 10.02.07 | Chircop: Bandisti tas-sena | Chircop informa l-Kunsill li dawn huma għal Banda Beland Dillon Magro u għal Banda Żejtun Ruben Caruana. | Chircop |
| 01 | 2 | 5 | | 10.02.13 | Agius: Boroż Ħodor | Agius infurmat lil Kunsill li l-*Greenpak* ħadu żball u ħawdu s-sitema peress li ntbagħtu notifiki fid-djar biex jinġabru l-boroż. Agius qalet li l-Kunsill infurmahom b'dan. | Agius |
| 01 | 2 | 6 | | 10.02.16 | Agius: *Party Kids Club* | Il-party sar u kien suċċess. | Agius |
| 01 | 2 | 7 | | 10.02.17 | Agius: Pantomima | Agius infurmat li l-Pantomima saret u kienet suċċess tant li kellha tiżdied *performance* oħra. Qalet ukoll li l-flus li nġabru mill-Kunsill li jammontaw għal €800, ser imorru bħala kontribuzzjoni lil Istitut Ġesu Nazzarenu. Inġabru wkoll €150 bħala sponsor biex jagħmlu tajjeb għal ispejjez. Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk jistax isiru attivitajiet simili li jinġabru flus għal istituzzjonijiet. Is-Segretarju spjega li jistgħu jinġabru l-flus u jiġu mgħoddija sakemm ma jkunux flus tal-Kunsill. | Agius |
| 01 | 2 | 8 | | 10.02.20 | Hales: Triq Luqa Briffa-*Traffic Management* | Minn naħa ta' Hales ma rċieva ebda korrispondenza dwar din il-materja.Rigward il-hinijiet dawn huma kompatibbli mal-hinijiet tad-dhul u l-hrug tal-istudenti fl`iskola sekondarja u primarja. | Hales |
| 01 | 2 | 9 | | 10.03.04 | Fenech: Skart elettroniku | Fenech staqsiet kif bqajna. Is-Segretarju nforma l-Kunsill li ktibna dwarha u nistgħu nipparteċipaw fiha. Il-kontenitur ser jitpoġġa fil-*customer care* jekk hemm wisa. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 2 | 10 | | 10.06.01 | Caruana: Tiżjin tal-Milied | Caruana ippropona li jiġi rivedut il-prezz li ser jitħallas lil kuntrattur peress li ma ntarmatx 'L-Isbaħ Xewqat'. Joan irrimarkat ukoll li żarma kmieni. Wara diskuzzjoni l-Kunsill qabel li għandu jitnaqqas l-ammont ta' €100 għal dan in-nuqqas propost minn Caruana u sekondat minn Chircop. Il-Kunsill qabel ukoll li t-tiżjin għandu jintrama qabel it-8 ta' Diċembru u jiżarma wara s-6 ta' Jannar u din għandha titnizzel fuq il-kuntratt. Għandu jsir qbil ma' tal-armar biex jarmaw l-arbli fl-ewwel ġimgħa ta' Diċembru u jkunu bil-labarda u miżbugħa pulit. Hales għandu jitkellem magħhom. | Segretarju Eżekuttiv / Hales |
| 01 | 2 | 11 | | 10.08.01 | Sindku: *Tenders* | Is-Sindku qal li meta jinfetħu t-tenders, għandhom jiġu evalwati mill-*adjudication board* u jitressqu quddiem il-Kunsill għal diskussjoni u approvazzjoni. Is-Segretarju qal li jridu jiġu evalwati wkoll il-kriterji mitluba. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 2 | 12 | | 10.08.03 | Agius: Proġett tan-naħal | Joan staqsiet x'ġara dwar il-proġett. Stephanie qalet li hi staqsiet b'kumbinazzjoni ġurnata qabel sar l-att vandalu. | Sindku |
| 01 | 2 | 13 | | 10.08.04 | Fenech: *Health Promotion Aerobics* | Fenech informat li beda *block* ieħor ta' *sessions* filgħaxija | Fenech |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 2 | 14 | | 10.08.05 | Fenech: *Wifi* | Fenech qalet sabiex jiġi ċċekjat l-*Wifi* Pjazza Girgor Bonici għax qiegħed ftit baxx. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 2 | 15 | | 10.08.08 | Agius: Kummissjoni Ġieh iż-Żejtun | Agius staqsiet fejn waslet fuqha il-Kummissjoni. Chircop informa l-Kunsill li ser jiltaqgħu fl-aħħar ta' Jannar biex jiffinalizzaw kollox. | Chircop |
| 01 | 2 | 16 | | 10.08.09 | Fenech: Xogħol volontarju ma' *Richmond Foundation* | Fenech informat lil Kunsill li għandha tiltaqa ma' Richmond u ser jaħdmu xogħol b'materjal riċiklat. | Fenech |
| 01 | 2 | 17 | | 10.08.10 | Chircop: Għoti ta' Titlu ta' Belt | Chircop qal li kien hemm interess kbir u *coverage* tajjeb mill-midja | Chircop |
| 01 | 2 | 18 | | 10.08.11 | Chircop: Bolol | Il-Bolol u l-*postcards* ser joħorġu fil-31 ta' Jannar u ser juru żewġ *letter boxes* skedati *Grade 1.* Qed jistenna l-prezz kemm ser jinbiegħu. | Chircop |
| 01 | 2 | 19 | | 10.08.12 | Chircop: Żjara lil *Crash* tal-Ursolini | Iż-żjara saret u ingħatat għotja ta' kotba mill-grupp ŻOEY li ħallsu għaliha huma. | Chircop |
| 01 | 2 | 20 | | 10.08.13 | Chircop: Applikazzjonijiet Konkors Letterarju | Chircop informa li dawn jinsabu miftuħa. | Chircop |
| 01 | 2 | 21 | | 10.08.14 | Hales: Triq l-Isqof Antonio Zahra-*Parking Bays* | Ġew imdaħħla fil-lista tax-xogħolijiet ta` *Roadmarking.* | Hales |
| 01 | 2 | 22 | | 10.08.15 | Hales: Triq Ħal Tarxien-Skart | Hi responsabilta` ta` min għandu t-titlu tal-art li jieħu ħsieb li dan ma jkunx il-kas kif ukoll it-tneħħija tal-istess skart. | Hales |
| 01 | 2 | 23 | | 10.08.18 | Abela: *Litter Bins* | Abela staqsiet jekk hux qed isir moniteraġġ. Hales informa li dawn ġew imdaħħla fil-kuntratt il-ġdid. | Hales |
| 01 | 2 | 24 | | 10.08.20 | Hales: Triq Santa Marija-Ostaklu ta` parkeġġ | Għandhom jiġu speċifikati d-dettalji ta` fejn jinsab dan il-parkeġġ. | Hales |
| 01 | 2 | 25 | | 10.08.20 | Caruana: Parkeġġ fi Triq Santa Marija | Caruana ġibed l-attenzjoni li hemm problema b'*double yellow line* fi Triq Santa Marija. Hales ġibed l-attenzjoni li dan ġie approvat minn TM. L-*Enforcement* għandu jsir mill-pulizija biex jitneħħa. | Hales |
| 01 | 2 | 26 | | 10.08.21 | Hales: Triq il-Madonna tal-Bon Kunsill-*Reserved parking* | TM ma tippermettix li parkeġġi komunjali għall-persuni bi bżonnijiet speċjali jkunu *timed.* | Hales |
| 01 | 2 | 27 | | 10.08.22 | Hales: Triq Wied il-Ghajn - Mera | F`din it triq in-numru ta` mirja hu adekwat u ma hemmx ħtiega ta` aktar mirja. Talbiet ta` mirja sabiex iservu għal ħrug minn bini privat ma jistgħux jiġu milqugħa. | Hales |
| 01 | 2 | 28 | | 10.08.24 | Hales: Triq il-Madonna tal-Ħniena u Triq San Klement-*Bollards* (U-bars) | Agius staqsiet dwar il-bollards li jinsabu fuq il-bankina. Is-Sindku qal li m'għandomx isiru fit-triq. Hales qal li dik ħdejn 65, Triq il-Madonna tal-Ħniena li kienet taħt il-bankina tneħħiet filwaqt li dik fi Triq San Klement hi fuq il-bankina jiġifieri, konformi ma' diversi oħrajn simili madwar il-lokalita`. | Sindku |
| 01 | 2 | 29 | | 10.08.25 | Hales: Triq il-Ħotba-Rimi ta` skart | Din it triq ġiet mgħammra b`*cctv cameras* u l-abbuż ta` rimi ta` skart waqaf. Caruana staqsa kif bqajna minħabba d-dawl f'din it-triq. Is-Segretarju informa l-Kunsill li diġa ktibna lill-Enemalta. Ġie nnutat ukoll li l-camera tneħħiet. | Hales |
| 01 | 2 | 30 | | 10.08.28 | Hales: Ġnien Luqa Briffa - Stat tal-Gnien | Nittamaw li bl-għoti tal-kuntratt il-ġdida għal Manutenzjoni ta' tindif ta` Ġonna u Rqajja tal-Ħamrija fi ftit ġimghat oħra, is - sitwazzjoni tiġi għal-livell mixtieq. | Hales |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 2 | 31 | | 10.08.28 | Viċi-Sindku: Ġnien Luqa Briffa | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni li hemm biċċa nieqsa fl-*arising* li pprepara l-Hales dwar l-istat tal-ġnien. Is-Sindku rrimarka li kif ikollna l-estimi lesti wara l-Laqgħa Pubblika ser jitressqu l-pjanti biex naraw x'ser isir. Hemm qiegħed kollu ċangatura u għandu jinżamm il-karattru. Il-Kunsill qabel ma dan. | Sindku / Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 2 | 32 | | 10.08.29 | Hales: Triq il-Ħerba-Plakka bl-isem tat-triq nieqsa. | Din, flimkien ma' oħrajn nieqsa jew miksura madwar il-lokalita` ser jiġu mibdula aktar tard din il-ġimgħa. | Hales |
| 01 | 2 | 33 | | | Chircop: Kunċert tal-Milied | Il-Kunċert sar u kien sabiħ ħafna u s-sena li ġejja ser isir fid-29 ta' Diċembru mill-*Joy Gospel Choir.* | Chircop |
| | | | | | | | |
| **01** | **3** | | | | **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza** | | |
| Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML 01/17. B'riferenza għal: | | | | | | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01 | 3 | 1 | | 01 | Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali | Is-Segretarju informa l-Kunsill li din ilha hekk is-snin u għandha tibqa kif inhi. Din ġiet approvata mill-Kunsill. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 3 | 2 | | 02 | Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali | Is-Sindku staqsa dwar din u s-Segretarju informa li din hija l-iskema ta' saħħa obbligatorja li għandhom l-Kunsilliera u l-ħaddiema li ser tintbagħat lista *updated* sabiex tġi mġedda. *Il-Kunsill approva dan.* | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 3 | 3 | | 05 | Dipartiment tal-Gvern Lokali | Is-Sindku qara l-korrispondenza mibugħta dwar *mementos* li jingħataw bħala rigal lil persuni distinti. Il-limitu għandu jkun sa massimu ta' €200. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 3 | 4 | | 06 | Dipartiment tal-Gvern Lokali | Is-Sindku qal li għandna naraw il-fondi li ser nieħdu mingħand il-Gvern, il-flus allokati tal-Kunsill u fondi minn sorsi oħra sabiex isir pjan fejn hemm bżonn isir. | Sindku |
| 01 | 3 | 5 | | 14 | Għaqda Mużikali Beland - Attivita` Filantropika | Il-Kunsill qabel li din l-attivita` ssir fi Pjazza Karlu Diacono. Din ser issir fit-12 ta' Marzu 2017. Hales talab kopja biex jinforma lil TM. | Hales |
| 01 | 3 | 6 | | 16 | Mario Spiteri | Il-Kunsill qabel nem.con li għandha tintalab is-somma ta' €500 bil-kundizzjonijiet li ser jiġu mfassla u għandha tingħalaq il-parti tal-bandli l-ġewwa fi {nien San Girgor. | Sindku |
| 01 | 3 | 7 | | 18 | Cleavon Vella | David Agius għamel mistoqsija Parlamentari lil Ministru għal Ġustizja u l-Gvern Lokali dwar jekk sarx l-proċess tal-awditjar fuq il-*Financial Statements* tal-*Manuċċa Child Day Care Centre.* Il-Kunsill wara li kkonsulta mal-Fondazzjoni, wieġeb li l-Bord li jmexxi l-Fondazzjoni mexa mal-proċeduri legali finanzjarji li jirregolaw il-Fondazzjonijiet. | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 3 | 8 | | | Awtorita` tal-Ippjanar: Skema Irrestawra Darek | Il-Kunsill qabel li għandna ngħaddu l-informazzjoni kollha u ma nżommux flus għal permessi ta' *scaffolding.* | Segretarju Eżekuttiv |
| | | | | | | | |

| 01. | 4. | | | | Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| | | | | | | | |
| **01.** | **5.** | | | | **Toroq - Urbani u mhux Urbani** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 10 | 5 | 1 | | | Sindku: Triq Xrobb l-Għaġin | Is-Sindku qal li l-Gvern jista jagħti fondi sabiex jiġu rranġati l-ħitan tas-sejjiegħ. Is-Sindku propona li ssir Triq Xrobb l-Għaġin fejn hu għandu l-*idea* li ssir il-Mogħdija Rumana. Ser jitkellem mas-sidien tal-art biex jaraw x' jista sir. Il-Kunssil qed jaqbel ma dan sekondata mill-Viċi-Sindku u Agius. | Segretarju Eżekuttiv |
| | | | | | | | |
| **01.** | **6.** | | | | **Impjegati tal-Kunsill u l-*Performance Bonus*** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01 | 6 | 1 | | | *Performance bonus* tal-Impjegati | Il-Kunsill qabel nem.con li l-impjegati tal-Kunsill jieħdu l-*perfomance bonus* bil-massimu ta' persentaġġi hekk kif stipulat fuq il-Ftehim Kollettiv. Qablu wkoll li s-Segretarju Eżekuttiv għandu jikteb sabiex jara jistax jiġi approvat u jingħata l-*bonus* lil ħaddiem tal-IPSL. | Segretarju Eżekuttiv |
| **01.** | **7.** | | | | **Laqgħa Pubblika** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| | | | | | | Il-Laqgħa Pubblika ser issir fl-20 ta' Frar 2017. | |
| | | | | | | | |
| **01.** | **8.** | | | | **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 01 | 8 | 1 | | | Tabella tal-Ħlasijiet 01/17 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill b'dawn il-korrezzjonijiet.** | Segretarju Eżekuttiv |
| | | | | | | Il-pagament numru 76 ta' Joan Agius irid ikun ta' €172.51 u d-differenza ta' €345.37 titħallas lil ESL Enterprises. | |
| 01 | 8 | 3 | | | Talbiet għal Xiri Seduta 01/17 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarju Eżekuttiv |
| 01 | 8 | 4 | | | *Petty Cash* - Novembru u Diċembru 2016 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefqu fix-xhur ta' Novembru u Diċembru hekk kif preżentat. Dawn kienu jammontaw għal €132 u €102.91. | Segretarju Eżekuttiv |
| | | | | | | | |
| **01.** | **9.** | | | | **Affarijiet oħra** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| 01 | 9 | 1 | | | Fenech: *Live in* f'Villa Psaigon | Fenech informat lil Kunsill li ser issir *live in* f'Villa Psaigon. Il-prezz ser ikun ta' €25 kull persuna. | Fenech |
| 01 | 9 | 2 | | | Chircop: *Hike* | Chircop informa l-Kunsill li ser isir *Hike* lejn Selmun fil-11 ta' Frar. | Chircop |

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 01 | 9 | 3 | | | Chircop: Laqmijiet | Chircop qal li qed issir riċerka dwar il-laqmijiet u minn fejn oriġinaw. | Chircop |
| 01 | 9 | 4 | | | Chircop: Daħla ta' San Tumas | Chircop qal li wasallu lment dwar ħafna ħofor fejn Qasam Ħal Tmin. Is-Sindku qal li ser isir *maintenance* bl-asfalt. Il-Ministru Joe Mizzi jaf bil-problema għax it-triq qed taqleb fuq in-naħa l-ħażina u għandha issir | Sindku |
| 01 | 9 | 5 | | | Chircop: Bring-In-Sites | Chircop staqsa dwar *id-domes* in-nieqsa. Hales informah li dawn huma ordnati. | Hales |
| 01 | 9 | 6 | | | Chircop: Ġnien Brejġu | Chircop staqsa dwar il-problema tad-dawl. Caruana tkellem mal-kuntrattur biex jiġu iċċekjati l-bozoz. Hales qal ukoll li hemm problema tal-*street lighting.* | Caruana |
| 01 | 9 | 7 | | | Caruana: Tabella ta' Triq il-Ħerba | Caruana staqsa meta ser titwaħħal din it-tabella. Hales qal li din ordnata u ser titwaħħal dalwaqt. | Hales |
| 01 | 9 | 8 | | | Sindku: Binjiet b'faċċata li tkerrah il-pjazza | Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li waslulu diversi lmenti li hemm tlett binijiet li qed ikerrħu l-pjazza. Ser tittieħed azzjoni dwar dan. | Sindku |
| 01 | 9 | 9 | | | Caruana: *Parking* f'Ġebel San Martin | Caruana talab sabiex tiġi rranġata l-*parking area.* | Sindku |
| 01 | 9 | 10 | | | Agius: *Weekend Break* | Agius informat lil Kunsill li l-*Weekend Break* ser isir bejn l-10 u t-12 ta' Frar fil-*Qawra Palace Hotel* u l-prezz ser ikun ta' €60 kull persuna. | Agius |
| 01 | 9 | 11 | | | Agius: *Kids Club* | Agius qalet li l-Kids Club reġa beda u fit-28 ta' Frar ser jiġi organizzat *Hike* lejn il-Baħrija. | Agius |
| 01 | 9 | 12 | | | Agius: *Party* tal-Karnival | Agius informat lil Kunsill li dan ser isir fit-28 ta' Frar għal prezz ta' €3. | Agius |
| 01 | 9 | 13 | | | Agius: Karnival tan-Nadur | Agius informat lil Kunsill li għar raba' sena ser jitilgħu għal Karnival tan-Nadur fil-25 ta' Frar u l-prezz ser ikun ta' €25. | Agius |
| 01 | 9 | 14 | | | Viċi-Sindku: Proġett ta' eżerċizzji | Il-Viċi-Sindku informat li ser isir proġett ma' *instructor* biex isiru eżerċizzi fiżiċi għal anzjani. | Viċi-Sindku / Fenech |
| 01 | 9 | 15 | | | Viċi-Sindku: Attivita` bejn żgħażagħ u anzjani | Il-Viċ-Sindku qalet li flimkien ma' Fenech qed jippjanaw attivita` fejn iż-żgħażagħ iżuru l-anzjani bit-*tablet* u juruhom x'jogħġobom u jferrħuhom u jifhmu aħjar x'inhu l-*internet* . | Viċi-Sindku / Fenech |
| 01 | 9 | 16 | | | Viċi-Sindku: Problema Triq Marsaxlokk | Il-Viċi-Sindku resqet ilment li quddiem in-numru 51 hemm problema li qed iżomm l-ilma. Is-Sindku qal li din ser tiġi rranġata. | Sindku |
| 01 | 9 | 17 | | | Viċi-Sindku: *Bins* tal-pjazza | Il-Viċi-Sindku staqsiet meta ser isiru. Hales qali li għandna naraw l-fondi meħtieġa u dawn isiru. | Hales |
| 01 | 9 | 19 | | | Viċi-Sindku: Fondi tal-komun | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar dan il-proġett. Ġiet infurmata li dawn ġew imwaqqfa. | Agius |
| | | | | | | | |
| **01.** | **10.** | | | | **Tmiem tal-Laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss** | | |
| **Riferenza** | | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
| | | | | | | | |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fl-09:45pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 20 ta' Frar 2017 fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Joe Attard | Anton Falzon |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |